# MIĊ-ĊELEL TA' ŻMIEN L-INKWIŻIZZJONI

Ir-regola bażika tas-sistema inkwiżitorjali kienet is-segretezza. Kemm l-Inkwiżituri kif ukoll il-ministri tagħhom kienu marbutin b'ġuramenti ibsin ta' segretezza. Jekk xi ħadd jikser dawn il-ġuramenti kien jistenna skomunika li setgħu jaħfruha biss l-Inkwiżituri ewlenin tal-Kongregazzjoni Sagra ta' Ruma. Ħaġa tassew meħtieġa fi żmien l-Inkwiżizzjoni kien ħabs ta' ċerta sigurtà, fejn akkużat jinżamm iżolat minn kull kuntatt mad-dinja ta' barra. Iżda din kienet problema prinċipali mat-tribunali tal-Inkwiżizzjoni kollha fl-Ewropa fil-perjodu modern bikri, inkluż f'Malta. F'din l-intervista tkellimt ma' Kenneth Gambin, li għal żmien twil kien kuratur tal-Palazz tal-Inkwiżitur ta' Heritage Malta.

Minn **CHARLES B. SPITERI**



**Kenneth, meta bdiet tinħass din il-problema f'pajjiżna?**

Iċ-ċelel tal-ħabs tal-Inkwiżitur kienu problemi maġġuri fl-istess Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu sa mill-1574, meta beda jintuża bħala r-residenza uffiċjali tal-Inkwiżitur innifsu.

Dan ġara minħabba li meta nbena l-Palazz, ma kienx hemm l-intenzjoni li jintuża mill-Inkwiżizzjoni u għalhekk l-arkitettura tiegħu ma ħasbitx għaċ-ċelel.

Skont periti magħrufa bħal Leon Battista Alberti u Andrea Palladio, ħabs kellu jinbena f'kuntest topografiku speċifiku u sigur, imdawwar b'ħitan ħoxnin u numru ta' torrijiet tal-għassa. Anki l-bieb prinċipali kellu jkun b'saħħtu biex jilqa' għal xi assalt tal-marmalja.

**Dak iż-żmien, riedu jsiru wkoll ċelel separati: nisa u rġiel?**

Mhux biss, iżda suppost riedu jsiru skont l-età tal-priġunieri, is-sess u l-kundizzjoni soċjali, għalkemm qajla ngħata kas ta' dawn is-suġġerimenti u osservazzjonijiet. B'hekk insibu li l-ewwel arkitettura distintiva ta' ħabs b'din il-filosofija ma rajniehiex qabel is-seklu 18. Kienu biss il-Carceri Nuove u l-Casa di Rieducazione f'Ruma li b'xi mod resqu lejn l-ispeċifikazzjonijiet t'hawn fuq. Il-kumplament tal-ħabsijiet mal-Ewropa kienu għadhom ferm 'il bogħod mit-tfassil teoretiku.

**Jiġifieri sa lejn tmiem is-seklu 16, il-Palazz tal-Inkwiżitur kien għadu mhux meqjus bħala kumpless ta' ħabs?**

Kien hemm numru żgħir ta' ċelel, għalkemm kif għedtlek ilpost ma kienx mibni għal dak l-iskop. Iżda billi ntuża bħala s-sede tal-Magna Curia Castellania, jiġifieri l-Qorti Ċivili tal-Ordni ta' San Ġwann, kienu qabdu xi kmamar u kkonvertewhom f'ċelel.

**Lil min insibu bħala l-ewwel Inkwiżitur f'Malta, u mill-ewwel mar hemm?**

L-ewwel Inkwiżitur għal Malta kien Mons. Pietro Dusina. Hu ġie fl-1574 u mill-ewwel ingħata dak il-palazz li kien ilu vakat tliet snin, sewwasew minn meta l-Ordni telqet mill-Birgu biex tokkupa l-belt il-ġdida, Valletta fl-1571.

**U x'għamel dan l-ewwel Inkwiżitur biex tejjeb il-palazz?**

Fil-fatt, l-ewwel prijorità tiegħu kienet li jsewwi ċ-ċelel u jirranġa s-serraturi ta' bosta bibien. Iżda dan ma kienx biżżejjed u numru ta' kmamar fil-pjan terran u fl-ewwel sular inbidlu f'ċelel ta' emerġenza. Fir-realtà, it-tqassim tal-kmamar baqa' kif kien u ma nbidlux f'xi mudell sistematiku. Huma nbidlu f'ċelel sempliċiment biex jekk jinqala' l-bżonn ikun hemm l-ispazju.

Il-kmamar kollha fil-pjan terran, li ammontaw għal sebgħa, kienu riservati għall-irġiel, waqt li n-nisa kellhom kamra waħda fis-sular ta' fuq.

**Iżda dawn iċ-ċelel kienu biżżejjed għal nies b'xi akkuża?**

L-ewwel nett ma kienx hemm l-ispazju meħtieġ għall-priġunieri, waqt li l-kmamar kollha ma kellhomx il-faċilitajiet bażiċi biex iservu bħala ċelel. L-inadekwatezza kompleta ta' tlieta miċ-ċelel fis-sular t'isfel toħroġ mill-fatt li kienu deskritti bħala 'inabitabbli' mill-ministri nfushom tat-tribunal, peress li ma kellhom dawl minn ebda tieqa. Apparti dan kollu, xi ċelel kienu umdużi, tant li l-ħadid tat-twieqi, is-serraturi fil-bibien tal-injam kif ukoll il-ħitan tal-ħabs urew li kienu jinħtieġu attenzjoni tul issnin, ħaġa li ma saritx.

**Allura l-problema laqqatha l-ewwel Inkwiżitur biss?**

Il-problema tan-nuqqas ta' ċelel ma kinitx biss ta' emerġenza fl-ewwel snin tat-tribunal f'Malta. Kien biss lejn nofs is-seklu 17, wara bosta tibdil fl-istruttura minn numru ta' Inkwiżituri, li parti mill-Palazz tal-Inkwiżitur infirdet b'suċċess mill-kumplament tal-bini, biex tkun tista' tintuża speċifikament bħala kumpless ta' ħabs.

**U meta seħħ dan?**

L-ewwel interventi saru fl-1605, meta l-Inkwiżitur Ettore Diotallevi ħass il-ħtieġa li jirranġa l-ħabs. Kien hu li ħa l-inizjattiva u informa b'dan lis-Sagra Kongregazzjoni wara li tlestew ix-xogħlijiet. Sar qbil għal din il-ħidma iżda kien mgħarraf li fil-futur, kull xogħol kellu jkun komunikat ma' Ruma qabel ma jintefqu l-flus.

Madankollu, instab li t-tiswijiet ma kienu sodisfaċenti xejn, għax sentejn wara, raġel kien kapaċi jħaffer ħofra fil-ħajt tal-ħabs li tinfed mat-triq. Din ma għamilhiex biex jaħrab minn fejn kien, iżda biex setgħet tidħol mara ħdejh matul il-lejl.

**Ladarba x-xogħol ma kienx adegwat x'ġara?**

Imbagħad insibu li fl-1610, l-Inkwiżitur Evangelista Carbonese kiteb lis-Sagra Kongregazzjoni fuq il-ħtieġa ta' ċelel ġodda f'post li kien aktar sigur u sigriet. Fil-prinċipju, Ruma qablet mal-pjani ta' Carbonese, iżda qaltlu li kellu jsib il-flus meħtieġa hu stess biex jiffinanzja l-proġett li xtaq iwettaq.

Imbagħad fl-1616, l-Inkwiżitur Fabio Della Lagonessa ppropona pjan ambizzjuż għall-ħabs. Talab u kiseb permess biex jixtri dar li kien hemm għall-bejgħ u li kienet tmiss mal-palazz. Fiha ried li jibni ħabs ġdid, iżda l-pjan tiegħu ma mmaterjalizzax ruħu.

**Ngħid sew li sa dak iż-żmien l-Inkwiżituri ma kellhomx ħabs u ċelel adekwati?**

Dażgur, u mhux hekk biss. Meta fl-1620 kien hawn l-Inkwiżitur Antonio Tornielli, ried li jirrestawra ċ-ċelel, li kienu fi stat ta' abbandun totali. Iżda dejjem kien hemm l-istess problema: il-flus kienu neqsin.

Apparentament ma seta' jsir xejn, għax laħqet għaddiet sena qabel ma l-Inkwiżitur Paolo Torello ngħata l-permess li jsaħħaħ il-bibien u t-twieqi taċ-ċelel, għax

> **Skont periti magħrufa bħal Leon Battista Alberti u Andrea Palladio, ħabs kellu jinbena f'kuntest topografiku speċifiku u sigur, imdawwar b'ħitan ħoxnin u numru ta' torrijiet tal-għassa. Anki l-bieb prinċipali kellu jkun b'saħħtu biex jilqa' għal xi assalt tal-marmalja**



bil-kundizzjoni ħażina li ċ-ċelel kienu fihom wassal għall-ħarba ta' erba' priġunieri.

Iżda l-insigurtà fil-ħabsijiet li sabu ma' wiċċhom l-Inkwiżituri ma kinitx biss iċ-ċelel: kien hemm ukoll in-nuqqas ta' spazju fihom.

**Minħabba li l-kmamar kienu ċkejknin?**

Ma kinux jistgħu jitqiegħdu bosta priġunieri. Pereżempju fl-1625, l-Inkwiżitur Onorato Visconti tatu rasu meta kellu jarresta 40 mara akkużati bil-magħmul u l-maġija s-sewda, peress li l-palazz ma kienx mgħammar biżżejjed biex iżommhom ilkoll maqfulin flimkien.

**B'hekk meta nistgħu ngħidu li mmaterjalizza xi ħaġa?**

Wieħed mill-aktar żviluppi importanti lejn il-ħolqien ta' kumpless ta' ħabs proprju, seħħ fis-snin tal-1640, meta l-Inkwiżitur kien Gio. Batta Gori Pannellini, li xtara d-dar fuq il-lemin tal-palazz, li kienet għall-bejgħ. Minflokha bena seba' ċelel, tlieta kbar li kellhom twieqi fil-għoli, iħarsu fuq it-triq, u erba' ċelel iżgħar li jħarsu fuq il-ġnien, fuq in-naħa l-oħra tal-kuritur ċentrali. Fuq dan, l-Inkwiżitur bena l-kwartier privat tiegħu.

**X'kienet l-idea li t-twieqi jkunu fil-għoli sew?**

Huma saru tliet metri 'l fuq mill-art. Il-ħtieġa tagħhom kienet biss biex jidħol id-dawl kollu possibbli. Saru f'dan l-għoli biex ma jippermettux lill-priġunieri jittawlu għat-triq u jparlaw man-nies li jkunu barra. Dawn iċ-ċelel kienu żieda neċessarja ferm għall-bini, peress li sa dakinhar iċ-ċelel kienu mferrxa mal-bini kollu u la kienu joffru spazju u lanqas sigurtà.

L-aktar li kien kuntent bil-bini ta' dawn iċ-ċelel kien l-Inkwiżitur Gori Pannellini nnifsu għax skont hu, "dawn iċ-ċelel kienu tant b'saħħithom li n-nies jitbeżżgħu għax jafu li mhux possibbli taħrab minnhom".

Kienet ukoll l-intenzjoni tiegħu li fil-palazz ikun hemm aktar ċelel milli priġunieri.

**Saret differenza fiċ-ċelel infushom?**

Iva. Iċ-ċelel 'sigrieti' kienu maħsuba għal dawk li kellhom iservu sentenza ta' ħabs, waqt li ċ-ċelel pubbliċi kienu jintużaw b'mod temporanju għal dawk f'arrest preventiv u li jkunu jistennew li jgħaddu ġuri. Kull ċella kienet mgħammra b'fossa, għall-ħtiġiet sanitarji tal-priġunieri, mingħajr il-bżonn li jinħarġu miċ-ċella tagħhom.

**Jista' jingħad li bl-iżvilupp kollu li sar, il-problemi kienu solvuti?**

Il-kundizzjonijiet kritiċi tal-ħabs kienu kumplessi u jfeġġu minn żmien għal żmien, l-aktar fil-parti l-qadima. Kien minħabba f'hekk li fl-1657, l-Inkwiżitur Giulio Degli Oddi ngħata l-parir li jibni mill-ġdid il-ħabsijiet f'post aktar adegwat, biex ikunu evitati żewġ problemi li kienu qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-Inkwiżituri lokali.

Dawn kienu l-komunikazzjoni tal-priġunieri man-nies ta' barra għax il-ħitan kienu dgħajfin wisq u l-livell ħażin tal-iġjene.

Il-bini taċ-ċelel tkompla fi żmien l-Inkwiżitur Gerolamo Casanate (1658-63) li kien ordnat jirrinova ċ-ċelel qabel ma jitfa' fihom lil Sarah Cheevers u Katharine Evans, żewġ Britanniċi membri tas-soċjetà reliġjuża Quakers. Iżda apparentament, is-sigurtà taċ-ċelel baqgħet difettuża, peress li Don Francesco Greg irnexxielu jaħrab fl-1659.

**Minħabba f'hekk reġa' sar xi żvilupp fiċ-ċelel?**

Żvilupp notevoli għas-sigurtà tal-palazz, speċjalment kontra xi opportunità ta' ħarba miċ-ċelel sar fl-1659. Finalment il-palazz ġie iżolat mill-proprjetà privata. Iżda minkejja dan kollu, fl-1664 l-Inkwiżitur Galeazzo Marescotti xorta reġa' lmenta fuq il-qagħda ħażina fil-ħabsijiet. Saħansitra hu ħejja pjanta ta' kif kellhom jinbnew iċ-ċelel, iżda Ruma ma kellhiex finanzi għal dan l-iskop.

Fil-fatt, fl-1672, Ferdinando Vassallo u Carlo Vella, prokuratur u kurrier rispettivament tas-Sant'Uffizzju, xehdu fuq kif kien hemm żewġ taqsimiet ta' ħabsijiet. L-ewwel wieħed, mibni minn Gori Pannellini, kien deskritt bħala b'saħħtu u sigur, iżda t-taqsima l-oħra, magħrufa bħala Talavera, għal sid id-dar li mingħandu sar ix-xiri tagħha, kienu meqjusa bħala 'kmamar' minflok ċelel proprji.

Barra minn dan qalu li l-ħitan kienu maħdumin minn ġebla ordinarja Maltija, li hi antika u tagħmilha faċli ħafna li priġunier jirnexxilu jaħrab u jillibera ruħu.

**Kemm kien minnu dan kollu?**

Kien, għax il-qagħda kienet serja ferm. Tant, li meta Nicolò Antonio Testaferrata, impjegat mal-Inkwiżizzjoni bħala assistent tad-depożitarju, sar jaf li Don Antonio Muxi, qattiel ta' ħuh Policarpo, tqiegħed fit-taqsima tal-ħabs magħrufa bħala Talavera, ippropona li kellu jkun trasferit fil-ħabs sekulari tal-gvern.

Sena wara, iċ-ċelel tal-ħabs tant ma kinux joffru sigurtà, li l-Inkwiżitur Ranuccio Pallavicino kiseb permess minn Ruma biex ibiddel is-sentenzi tal-ħabs f'forom oħra ta' kastig, li ma jkunux eħrex.

Din il-ħaġa kienet tagħmel sens għax insibu li Don Matteo Barlotti u ċertu Carlo, ilsir ta' Federico Falzon, irnexxielhom jaħarbu mill-ħabsijiet fl-1675 u fl-1684 rispettivament.

**Jiġifieri ċ-ċelel, kemm damu f'dan l-istat?**

Kollox baqa' kif kien għal 25 sena. Fl-1698 l-Inkwiżitur Giacinto Messerano ppreżenta l-ilmenti tas-soltu fuq ħabs sigur u diċenti. Iċ-ċelel tant kienu f'qagħda kritika, li l-priġunier Venezjan Pietro Liccini rnexxielu jħaffer il-ħitan u jaħrab minnhom tmien darbiet f'inqas minn sena. Fl-aħħar, Ruma qablet li tivvota 600 skud għall-proġett.

Inbnew 12-il ċella fuq xulxin, fuq tliet livelli, b'sistema ta' drenaġġ imqabbda magħhom ilkoll biex jipprovdu l-faċilitajiet sanitarji għall-priġunieri fiċ-ċelel.

Sitta mis-seba' ċelel li għadhom jeżistu u li probabbilment inbnew minn Messerano fihom 2.8 b'2.3 metri, waqt li oħra hi ta' 4.8 b'4.8 metri. F'nofshom inbniet bitħa b'bir, li kellu jitħaffer fil-blat. U biex jinqata' kull ċans li l-priġunieri jitkellmu man-nies tat-triq, inbena ħajt ieħor fuq barra, biex almenu numru ta' ċelel kienu maqtugħin totalment mid-dinja.

**B'dan it-tibdil kollu, il-ħabsijiet tal-Inkwiżitur ġew f'tagħhom?**

Kien għadu 'l bogħod li jissolvew il-problemi kollha relatati mal-kumpless tal-ħabs fil-Palazz tal-Inkwiżitur. Iżda Messerano kien il-bniedem li pprovda bini b'kumpless ta' ħabs li kien ħaqqu dan l-isem. Tant hu hekk li tul is-seklu 18 ma nsibu li saru ebda żviluppi maġġuri. It-tibdiliet li saru jistgħu jitqiesu bħala kożmetiċi aktar milli modifiċi strutturali, peress li l-ewwel qafas sar minn Gori Pannellini u aktar tard minn Giacinto Messarano.

**Wara dan, insibu xi tibdil ieħor?**

Tibdil ieħor sar ftit wara li laħaq l-Inkwiżitur Giorgio Spinola (1703-06), li mmodifika parti mill-kumpless tal-ħabs biex jissepara l-priġunieri tas-Sant'Uffizzju minn dawk tar-Reverenda Fabbrica.

Dan ma setax isir qabel, peress li ċ-ċelel ippermettew biss għas-separazzjoni bejn priġunieri maskili u femminili, bla ma ħadu inkonsiderazzjoni minn liema tribunal intbagħtu l-ħabs. Dan kien jippreġudika s-segretezza tal-proċedura tal-Inkwiżizzjoni.

Spinola kiseb permess mis-Suprema f'Ruma biex jibdel ċella f'kappella, għall-użu tal-priġunieri. Għaliha nefaq 132 scudi.

Permezz ta' din il-kappella, żdiedet is-sigurtà tal-ħabs, għax ma kienx hemm ħtieġa li l-ħabsin ikunu eskortati biex joħorġu mill-ħabs ħalli jisimgħu l-quddies. Jista' jkun li din il-kappella kienet waħda miċ-ċelel quddiem il-kamra tat-tribunal, peress li fiha għadhom jidhru xi traċċi ta' figuri sagri fuq il-ħitan.

> **Iċ-ċelel 'sigrieti' kienu maħsuba għal dawk li kellhom iservu sentenza ta' ħabs, waqt li ċ-ċelel pubbliċi kienu jintużaw b'mod temporanju għal dawk f'arrest preventiv u li jkunu jistennew li jgħaddu ġuri. Kull ċella kienet mgħammra b'fossa, għall-ħtiġiet sanitarji tal-priġunieri, mingħajr il-bżonn li jinħarġu miċ-ċella tagħhom**